SJA FOUNDATION
Reception Centre
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

# Ċentru Antida

The Reception Centre of the
St Jeanne Antide Foundation - SJAF

*Monthly Newsletter – Issue No. 13 July 2008*

## Alla li jbati ma' min qed ibati

Bosta huma dawk il-persuni li jsaqsu, "Jekk Alla huwa daqstant twajjeb u ħanin, mela għalfejn allura jippermetti din it-tbatija kollha li naraw madwarna, l-aktar fuq persuni innoċenti?". Nippruvaw insibu mitt elf tweġiba iżda l-akbar risposta ntwewriet mal-miġja ta' Ġesù Kristu. San Pawl jagħtina deskrizzjoni perfetta min kien dan Ġesù: "Hu li għad kellu in-natura t'Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt anzi sal-mewt tas-salib." (Fil2: 6-8) Ġesu' ma għażilx li jgħix xi ħajja ta' lussu imma għex ħajja ta' sempliċita u faqar, bata ma' min kien qed ibati sa ma fl-aħħar kien lest li saħansitra jagħti ħajtu stess mhux biss għal dawk li għexu qrib tiegħu imma anke għal dawk li tradewh.



Ġesù li kien Alla magħmul bniedem, wera lilu nnifsu bħala l-qaddej li jbati. Il-miġja tiegħu kienet mħabbra mijiet ta' snin qabel minn bosta profeti li nsibu fl-antik testment. Fost dawn insibu lill-profeta Isaija li jiddeskrivi lill-Messija bħala bniedem "imżeblah u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu il-mard, bniedem imżeblah u li xejn ma qisnieh, bniedem li rafa fuqu il-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna u kien miġruh minħabba fi dnubietna". (Is53: 3-5) Kristu għażel li jidher f'din in-natura ta' bniedem għaliex ried li jbati bħalma jbati kull bniedem ieħor. Għalhekk hu għażel li jixbah lil ħutu f'kollox għaliex billi hu stess bata u kien imġarrab, hu seta' jgħin lil dawk li huma fit-tiġrib (Lhud2: 17-18). Propju ftit sigħat qabel ma għadda għal passjoni, Ġesù dar fuq id-dixxipli tiegħu u qalihom: "Nħossni mnikket għall-mewt; ibqg]ħu hawn u ishru" (Mk14: 34). Huwa għadda mill-esperjenza tat-tbatija li jgħaddi minnha kull bniedem. Kristu bata xi tfisser meta persuna tħossha waħedha u abbandunata aktar u aktar minn persuni l-aktar qrib tiegħek.

Kien hemm min ħaseb li l-missjoni tiegħu kienet li jelimina kull forma ta' tbatija minn wiċċ id-dinja. Ħasra li kull min iħares lejn is-salib b'din il-viżjoni, il-missjoni ta' Kristu ma tfisser xejn għajr falliment. Hekk ħarsu lejh dawk li rawh imut fuq is-salib, bdew jgħajjruh, iċaqilqu rashom u jg]ħidu: "Salva lilek innifsek jekk int l-Iben t'Alla, u inżel minn fuq dak is-salib!" Oħrajn bdew jgħidu "Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva!" (Mat27: 39-42).

Inkunu għalhekk ukoll żbaljati meta nirraġunaw li Alla jinsa' lill-bniedem fil-mument tat-tbatija jew li Alla ma jistax jifhem lill-bniedem li jsofri. Huwa refa' fuqu it-tbatijiet tagħna u jaf x'jiġifieri dak li jħoss il-bniedem imġarrab minn din it-tbatija.

Għalhekk ieqaf u aħseb ftit dwar x'lest li jagħmel Alla għall-bniedem tant kemm iħobbu. Ftit ilu qrajt din l-



istorja u li fiha sibt tagħlima kbira. Nirien qawwija kienu ħakmu foresta kbira u f'ħafna mis-siġar li nqerdu kien hemm fihom ħafna bejtiet b'għasafar żgħar li għadhom kemm bdew jitgħallmu biex itiru. Malli omm waħda minn dawn il-frieħ indunat bil-qerda li ġejja fuq dawk l-inħawi, hija ħadet liż-żg]ar tagħha taħt is-siġra u hemm ġabrithom taħt ġwinħajha. Meta n-nirien laħqu l-post fejn kienu, l-omm mietet bid-duħħan li belgħet u l-ġisem żgħir tagħha xxawwat bis-sħanat. Imma xorta żammet ġwinħajha miftuħin biex iż-żg]ar setgħu jgħixu minkejja li mietet hi. Jekk mela l-omm tant tħobb lil uliedha, kemm aktar Alla lest li jħobb lil uliedu? L-imħabba kbira li Alla għandu għal uliedu ġegħlitu jmut bi ġwienaħidejh miftuħin u hekk jibqgħu darba għal dejjem! "Huwa jgħattik bir-rix ta' ġwenħajh. Taħt ġwenħajh issib il-kenn tiegħek." (Salm91: 4)

Għalhekk kemm–il darba inħossuna waħedna jew imġarbin bit-tbatijiet ta' din il-ħajja ma fiha xejn ħażin jekk insaqsu lilna infusna: "għaliex Alla jippermetti li aħna inbatu?". Madanakollu ejjew ma ninħlewx biss ma' dawn il-mistoqsijiet anzi ejjew naqsmu dawn it-tbatijiet ma' dawk ta' Kristu għaliex it-tbatija mingħajr Alla ma tagħmilx sens, anzi taf toħloq tbatijiet akbar u disperament. Dak li tenna Ġesu' 2000 sena ilu għadu jtennih għalija u għalik illum: "Ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jien inserra]kom."

*Rueben Vella*
Seminarist

### *APPEAL*

If you know anyone who would be willing to translate, from Italian to English and on a voluntary basis, an international newsletter published by the Sisters of Charity for publication and distribution in Malta, please tell us.

Sr. Salvina Bezzina soc
Superior Provincial
Email: supprov@onvol.net

*Human Came*



A 'human' we called her,
In recognition of disability calligraphy
Indelibly penned by family, culture
Separations, fear, pain and shame…

… and unwise choices.
The calligraphy adorned the inside
Of the fragile tinted glass cup
She thought she was; the draught of murky voices.

Many moons went by, too many, till insight sang
Long after. A faint voice rising,
Angelic music bubbling, percolating from deep
"*It's not indelible! Dance – it's not indelible!*"

Oh, the aroma of that first fresh musical air
When writing's authority broke,
In exquisite freedom.
The human took up the quill… and wrote, and
wrote.

As the old inscriptions faded
She rode new waves of affirmations
And the aroma of freedom overcame
The fear, the pain, the shame.

The cup was full, the drink was sweet
The glass now almost crystal clear.
Again we had to wait, for many moons
For this to pass — this, too, to pass.

She was older when her breakthrough came
And wordless crystal cup was drained
To its depths, now open, the bottomless height
That resonates, like us…

… to the 'peace
That surpasseth understanding'
— the domain of One.
Welcome, human!

tony macelli 15-Jul-08

## *MILL-ĦBIEB TA' STA. ĠIOVANNA ANTIDA*

### IL-GRAZZJA TA' L-ORIĠINI TAGĦNA

Il-Missier Etern Alla, huwa s-siġra oriġinali eterna. Huwa ħa żmien mill-eternita u nissel f'mara, Marija, żerriegħa, fergħa, miz-zokk ta' Ġesse. U nibtet is-siġra, Ġesu Kristu.

Minn din is-siġra - Ġesu, miżbura f'salib fuq il-kalvarju, nibtet is-siġra tal-Kristjaneżmu. L-għasafar li kienu jiġu għall-kenn fuq is-siġra ta' l-ewwel appostli, taru, u ġarrew magħhom, kull fejn marru, minn din iż-żerriegħa.

Allura naraw, matul il-medda taż-żmien, siġar jinbtu l-hemm u l-hawn, speċjalment fejn ikun hemm kriżi ta' fidi jew persekuzzjoni—jiġifieri jkun hemm xi forma ta' xi żabra.

Is-Siġra Oriġinali, il-Missier Etern, fil-ħniena nfinita Tiegħu, ried li fiż- żmien li kien ġej , ta' rivoluzzjoni u taqlib kbir fi Franza, jiżra siġra oħra importanti, ma' dawk li kienu ġa jeżistu.

Ix-xewqa Divina Tiegħu , inkarna` f'żerriegħa, li telgħet f'wiċċ l-art fl-1765. Ġiovanna Antida.

Kemm kibret din is-siġra, kemm frott tat, kemm ġabret tfajliet li kkonsagraw ruħhom fl-ordni tas-Sorijiet tal-Karita`. Ġid spiritwali, materjali u fiżiku li huwa infinit.

U aħna, il-Ħbieb ta' St Ġiovanna Antida fejn ninsabu? Aħna qegħdin għall kenn ta' din is-siġra, nieklu mill-ftott tagħha.

Issa xogħolna, li diġa qed nagħmluh, hu, li kull darba li minn fuq din is-siġra intiru għal postijiet oħra….ix-xogħol, id-dar, il-knisja, għand tal-ħanut, kullimkien….inġorru magħna minn din iż-żerriegħa li tinżergħa permess tal-eżempji li aħna nagħtu bl-imġieba tajba tagħna.

Min jaf kif minn dan l-aġir tagħna, kemm se joħorġu vokazzjonijiet, familji tajba, fejqan fir-ruħ u anke fil-ġisem, u ħafna oħrajn. Iżda dan aħna qatt m'hu ser inkunu nafuh, għax ħa nkunu biss, żrajna iż-żerriegħa.

Grazzi Missier Etern Alla, talli tajtna l-grazzja li mis-siġra ta' Santa Ġiovanna Antida, ikollna l-opportunita li nġorru ż-żerriegħa għall postijiet, li bla ma' nafu, INT ħejjejt minn qabel.

Amen.

*Daniel Grech*



Quotes from some of our service users

Thank you so much.

A very special thank you
just to let you know
your kindness means so much more
than any words can show

Although I came to help in some way, I felt happiness since I've entered SJA. I thank you so much for learning, and teached me more how to love to give love

**Volunteer**

**NannaKola Club**

Lill-Fondazzjoni Santa Giovanna Antide,

Aħna l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi tal-Patrijiet Agostinjani nixtiequ nirringrazzjawkom ħafna talli l-ħolma tagħna li nagħtu servizz lin-nanniet li qegħdin jieħdu ħsieb lill-ulied uliedhom seħħ permezz tal-Klabb Nannakola. Prosit u grazzi tmur speċjali lill-Nora Macelli u lil dawk li mexxew il-Klabb Nannakola: Urieth Aquilina, Anthony u Emma Pulis, u Patricia Fenech.

Jalla li nkunu nistgħu inkomplu b'din il-missjoni tagħna flimkien b'risq dawn in-nanniet. Jalla wkoll li nkomplu nikkoperaw flimkien f'diversi oqsma għall-glorja ta' Alla u tal-Poplu tiegħu. Fl-aħħarnett prosit tal-inizjattivi kollha li qed tieħu l-Fondazzjoni tagħkom. Il-Mulej ibierek likom u l-ġid kollu li qed tagħmlu.

4. Trid tgħaddi xi kumment jew xi suġġeriment?

Prosit ħafna. Ħadt ħafna informazzjoni u għajnuna. Nixtieq li l-grupp ikompli jew li jirrepeti ruħu minn żmien għal ieħor.

**Disability Course**

4. Trid tgħaddi xi kumment jew xi suġġeriment?

Ġieli ħadt pjaċir għax dejjem għandi xi ħadd li tgħallimt mingħandu. Illejla ma dawn l-anġli ħatu pjaċir, u minnhom nitgħallem li għandhom ħeġġa aktar milli dawk li huma normali.

**Disability Course**

**Disability Course**

Ġieli kont ħadt ħafna tagħlim u ħajjar ta' interess, kburi li f'dawn il-laqgħat sirna qisna familja waħda li għadha ħajja ħafna ta' mistrieħ; u kull minn għie kienu kollha ta' għajnuna. Grazzi ħafna lill-kulħadd speċjalment lill Nora u Doreen.

Firma (jekk

4. Trid tgħaddi xi kumment jew xi suġġeriment?

Bis-servizz li rċevejt intlaqajt aħjar milli kont.

**Social Work Service**



# NILTAQGĦU MAL-VOLUNTIERI

***F'din il-ħarġa ħa niltaqgħu ma' ......***

Ismek u Kunjomok: ***Bridget Cauchi***

Data tat-twelid: ***31 ta Lulju 1956***

Fejn Twelidt: ***Hamrun***



Fejn toqgħod: ***Tarxien***

Stat: Miżżewġa

Kemm ilek miżżewweġa: ***34 sena***

Isem ir-raġel: ***Anthony***

Tfal: ***Michelle, Mark & Kim***

Bridget hija wħada mill-voluntieri l-ġodda. Hija bniedma dedikata f'dak kollu li tagħmel. Bħalissa, flimkien ma Angela, qeda tieħu ħsieb il-ħjata tal-Bean Bags.

Grazzi Bridget.....u **HAPPY BIRTHDAY!!!**

## Ċentru Antida

**Summer Opening Hours**

**Mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa**

**7:30 – 13:30**




Correspondence Address
Ponderosa
Triq l-Ikħal
M'Scala MXK3623
Malta
Tel no. 27636819

email: adrmir@onvol.net